## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR IAN VELLA) V. TALAL KASEM (NUMRU TAL-PASSAPORT TAL-GREĊJA AA6155125)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Lulju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Talal Kasem ta' 25 sena, iben Kasem u Khaduh nee' Hamichk, imwieled is-Sirja fl-1 ta' Jannar 2000 residenti "My Nest", Fl/3, Triq Athlone, Paola bil-passaport Grieg bin-numru AA6155125 (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha diversement presjeduta fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2025 mixli illi fid-19 ta' Ġunju 2025 ġewwa l-lokalita' tal-Ħamrun u/jew bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. *Saq vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota bi numru ta' registrazzjoni JCA 308 mingħajr liċenza tas-sewqan u **dan bi ksur tal-artiklu 15(1) (a) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.***

2. *U aktar talli fl-stess hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bil-mutur ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JCA 308 b'manjiera traskurata u bla kont **u dan bi ksur tal-artiklu 15(1) (a) tal-Kapitlu 65 tal-ligijiet ta' Malta***

3. *U aktar talli fl-stess hin, lok u cirkostanzi saq l-stess vettura bil-mutur ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JCA 308 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni u **dan bi ksur tal-artiklu 3 (1) tal-Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.***

4. *U aktar talli fl-stess hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed issuq il-vettura bil-mutur ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JCA 308 uża b'idejh xi telefon ċellulari jew xi apparat ieħor simili li jinżamm flidejn, u dan waqt li l-vettura kienet miexja u **dan bi ksur tal-artiklu 115 (1) tal-LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 65.11***

wara li rat li f'dik is-seduta l-imputat baqa' sieket meta ġie mistoqsi x'iwieġeb dwar l-imputazzjonijiet u għalhekk il-Qorti qieset tali silenzju bħala dikjarazzjoni li mhuwiex ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat li l-kawża ġiet sussegwentement assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta,

wara li kompliet tisma' l-provi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2025,

wara li rat li fis-seduta tal-lum 28 ta' Lulju 2025, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġà wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu l-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih (Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 fir-rigward ta' sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u sewqan b'manjiera bla kont li fih huwa assorbit ir-reat ta' sewqan b'manjiera traskurata), Art 3(1) tal-Kap. 104, Art. 115(1) tal-L.S. 65.11) u tikkundannah jħallas multa fl-ammont komplessiv ta' elfejn u tmien mitt euro (€ 2,800).**

**Il-Qorti qed tapplika ukoll d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(2) tal-Kap. 65 billi tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sittax-il xahar.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur